

32000R2007

23.9.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 240/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2007/2000**tat-18 ta' Settembru 2000**

li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-laqgħa tiegħu ġewwa Lisbona fit-23 u l-24 ta' Marzu 2000, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li Ftehim dwar Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi Balkani tal-Punent għandhom ikunu preċeduti minn liberalizzazzjoni assimetrika tal-kummerċ.
- (2) Il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Jannar u l-14 ta' Frar 2000, stieden ukoll lill-Kummissjoni biex teżamina l-kwistjoni li jiġi faċilitat il-kummerċ mar-Repubblika tal-Montenegro ġewwa r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jitratta dwar l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Bosnija u Herżegovina u l-Kroazja u għall-importazzjonijiet ta' inbid li joriġina mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u r-Repubblika ta' l-Islowenja⁽¹⁾ joffri għal ċerti prodotti industrijali eżenzjoni minn dazji doganali fil-limiti tal-ogħla punti tat-tariffa u konċessjonijiet limitati huma magħmulin għal oġġetti agrikoli, ħafna minnhom f'forma ta' eżenzjoni minn drittijiet fil-limiti ta' kwoti tariffarji. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/1999 tad-29 ta' Lulju 1999 li jitratta dwar arranġamenti li japplikaw għal importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fl-Albanija jipprovdi għal regolamentazzjoni simili li għandu l-istess restrizzjonijiet u jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98 billi japplika skema multilaterali ta'

tariffi bi preferenzi ġenerali għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001 għar-rigward ta' l-Albanija⁽²⁾.

- (4) Il-livell ġenerali ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi Balkani tal-Punent hu inqas minn 0,6 % ta' l-importazzjoni kollha tal-Komunità. Aktar fuq tas-suq hu mistenni li jikkontribwixxi għall-proċess ta' stabilizzazzjoni politika u ekonomika fir-reġjun filwaqt li ma jikkrea effetti negattivi għall-Komunità.
- (5) Hu, għalhekk, xieraq li jitjiebu aktar l-preferenzi tan-negozju awtonomi tal-Komunità bit-tneħħija ta' l-ogħla punti tat-tariffa kollha li fadal għal prodotti industrijali u billi jitjieb aktar l-aċċess għas-suq tal-prodotti agrikoli u tal-ħut tal-Komunità, inklużi prodotti proċessati.
- (6) Dawn il-miżuri huma proposti bħala parti mill-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE, b'sinjal ta' risposta għas-sitwazzjoni speċifika fil-Balkani tal-Punent. Dawn m' għandhomx jikkostitwixxu preċedent għall-politika kummerċjali tal-Komunità ma' pajjiżi terzi.
- (7) Skond il-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE, bażat fuq l-Avviċinament Reġjonali preċedenti u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' April 1997, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent hu suġġett għal ċerti kondizzjonijiet. L-għoti ta' preferenzi għan-negozju awtonomi hu marbut mar-rispett għall-prinċipji fundamentali tad-demokrazija u d-drittijiet umani u għalkemm ikunu preparati l-pajjiżi nteressti sabiex jiżviluppaw bejniethom relazzjonijiet ekonomiċi. L-għoti ta' preferenzi għan-negozju awtonomi mtejjba favur pajjiżi li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE għandhu jkun marbut għal kemm huma preparati sabiex iħaddnu riformi ekonomiċi effettivi u koperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari permezz tat-twaqqif ta' żoni ta' negozju ħieles skond standards rilevanti tal-GATT/WTO. Barra minn dan, eliġibiltà biex tibenefika minn preferenzi għan-negozju awtonomi hu bil-kondizzjonat li l-benefiċjarji jagħmlu koperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Komunità sabiex jipprevenu kontra xi riskju ta' frodi.

⁽¹⁾ ĠU L 2, tal-5.1.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 211, tal-11.8.1999, p. 1.

- (8) Preferenzi għan-negozju jistgħu jingħataw biss lill-pajjiżi jew territorji li għandhom amministrazzjoni doganali.
- (9) L-Albanija, l-Bosnja u l-Herżegovina, l-Kroazja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Kosovo, din ta' l-aħħar hi mfissra permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà Riżoluzzjoni 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999 sakemm l-amministrazzjoni ċivili internazzjonali tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK), (hawn aktar 'il quddiem magħruf bħala "Kosovo") taderixxi ma' dawn il-kondizzjonijiet, u preferenzi tan-negozju simili għandhom jingħataw lilhom kollha sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni ġewwa r-reġjun.
- (10) Ir-Repubblika tal-Montenegro ġewwa r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja m'għandhiex amministrazzjoni doganali separata. Hu, għalhekk, impossibbli li jingħatawla l-istess preferenzi. Iżda, l-għoti ta' preferenzi tan-negozju limitati għal ċerti prodotti industrijali mill-Montenegro li mhumiex magħmulin f'partijiet oħra tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja hu possibbli mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi eskluża b'mod totali r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja minn preferenzi tan-negozju u b'konformità totali mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1294/1999 tal-15 ta' Ġunju 1999 li jtratta dwar friżar ta' fondi u twaqif ta' investimenti fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (FRY) u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1295/98 u (KE) Nru 1607/98 ⁽¹⁾.
- (11) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hi diġa marbuta mal-Komunità permezz ta' Ftehim ta' Koperazzjoni li jinkludi fih preferenzi tan-negozju, u l-Komunità u l-Istati Membri tagħha bdew negozjati għal Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' dak il-pajjiż. L-ekwivalenti ta' preferenzi għan-negozju awtonomi mtejjba skond dan ir-Regolament għandha, għalhekk, tingħata lil dak il-pajjiż fuq bażi separata, bl-eċċezzjoni ta' konċessjonijiet għall-inbid.
- (12) Ir-Regolament propost għandu jkompli jipprovdi għal konċessjonijiet dwar l-inbid, kif mogħtija skond ir-Regolament (KE) Nru 6/2000, li japplika ugwalment għall-Islovenja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sakemm jiġu konklużi l-ftehim speċifiċi dwar l-inbid ma' dawn il-pajjiżi. Peress li dawn il-konċessjonijiet għadhom jikkonsistu fi kwota tariffarja globali, hu xieraq li dawn id-dispożizzjonijiet jinżammu f'Regolament wieħed.
- (13) Hu, għalhekk, xieraq li jingħataw il-preferenzi għan-negozju awtonomi mtejjba lill-Albanija, l-Bożnja u l-Herżegovina u l-Kroazja u li tinkludi l-Kosovo u li jingħataw preferenzi tan-negozju limitati u speċifiċi għal ċerti prodotti industrijali li joriġinaw fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.
- (14) Għall-finijiet ta' ċertifikazzjoni jew oriġini u proċeduri amministrattivi ta' koperazzjoni, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jipprovdu dispożizzjonijiet għall-
- implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾ għandhom jiġu applikati.
- (15) Għall-fini ta' razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni, hu xieraq li jiġi provdut li l-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Kodiċi Doganali u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri speċifiċi li jinsabu f'dan ir-Regolament, tagħmel it-tibdiliet meħtieġa u l-emendi tekniċi meħtieġa skond dan ir-Regolament.
- (16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽³⁾.
- (17) L-introduzzjoni tal-miżuri proposti għall-prodotti agrikoli u prodotti tas-sajd li joriġinaw fir-Repubbliċi ta' l-Albanija, l-Bosnja u Herżegovina u l-Kroazja jagħmlu superfluwa l-inklużjoni ta' dawn ir-Repubbliċi fl-iskemi tal-Komunità dwar preferenzi ġeneralizzati ta' tariffi. Hu għalhekk xieraq li dawn ir-Repubbliċi jiġu mneħħija mil-lista tal-benefiċjarji tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2820/98 ta' l-21 ta' Diċembru 1998 li japplika skema multi-annwali ta' preferenzi ġeneralizzati ta' tariffi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001 ⁽⁴⁾.
- (18) Regolament wieħed li jkun fih il-preferenzi għan-negozju awtonomi kollha jagħti aktar trasparenza lir-regolamentazzjoni kummerċjali tal-Komunità ma' pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fih jew huma marbuta mall-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE. Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000 għandhom jiġu revokati.
- (19) Dawk l-arranġamenti ta' importazzjoni għandhom jiġu mgeċċja abbażi tal-kondizzjonijiet magħmula mill-Kunsill u fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-għoti ta' dawn l-arranġamenti skond dan ir-Regolament. Hu għalhekk xieraq li l-perjodu għal dawn l-arranġamenti ikun limitat sal-31 ta' Diċembru 2002.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Arranġamenti preferenzjali

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li jinsabu fl-Artikoli 3 u 4, prodotti li joriġinaw fir-Repubbliċi ta' l-Albanija, l-Bosnja u l-Herżegovina u l-Kroazja kif ukoll fil-Kosovo kif imfissra bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999 (hawn aktar 'il quddiem magħruf bħala "Kosovo"), minbarra dawk taħt it-titoli Nri 0102, 0201, 0202 u 1604 tan-Nomenklatura Magħduda, għandhom jiġu aċċettati għall-importazzjoni ġewwa l-Komunità mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżura li għandhom effett ekwivalenti u bl-eżenzjoni ta' drittijiet doganali u ħlasijiet li għandhom l-istess effett.

⁽¹⁾ ĠU L 153, tad-19.6.1999, p. 63. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjonini (KE) Nru 1440/2000 (ĠU L 161, ta' l-1.7.2000, p. 68).

⁽²⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1602/2000 (ĠU L 188, tas-26.7.2000, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, tat-30.12.1998, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1763/1999.

2. Importazzjonijiet ta' nbid li joriġinaw fir-Repubblika ta' l-Islovenja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandhom jibbenefikaw minn konċessjonijiet kif provduti fl-Artikolu 4.

3. Ċerti prodotti industrijali li joriġinaw fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja għandhom jibbenefikaw minn konċessjonijiet li preskritti fl-Artikolu 5.

Artikolu 2

Kondizzjonijiet li jintitolaw għall-arranġamenti preferenzjali

1. Eliġibilità għall-arranġamenti preferenzjali introdotti permezz ta' l-Artikolu 1 għandhom ikunu suġġetti għal dan li ġej:

- konformità mat-tifsira tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" kif provduta fit-Titolu IV, Kapitolu 2, taqsimha 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93; u
- għall-astensjoni tal-pajjiżi u t-territorji msemija fl-Artikolu 1 milli jintroduċu dazji ġodda jew ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti daqs importazzjonijiet li joriġinaw fil-Komunità jew milli jiddedu livelli eżistenti ta' dazji jew ħlasijiet jew milli jiġu ntrodotti xi restrizzjonijiet oħra mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
- għall-involvement ta' benefiċjarji f'koperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Komunità sabiex jiġi evitat riskju ta' frodi.

2. Għall-Albanija, l-Bosnja u Herżegovina u l-Kroazja, l-intitolament għal benefiċċju mill-arranġamenti preferenzjali introdotti permezz ta' l-Artikolu 1 għandhom ugwalment ikunu suġġetti għal kemm huma preparati sabiex iħaddnu riformi ekonomiċi u f'koperazzjoni reġjonali ma' pajjiżi oħra nteressati fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz tat-twaqqif ta' żoni ta' negozju ħieles skond kif provvdut fl-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 u dispożizzjonijiet oħra rilevanti tal-WTO.

Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità f'dan ir-rigward, il-Kunsill jista' jjeħu l-miżuri xierqa permezz ta' vot b'maġġoranza kwalifikata, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni.

Artikolu 3

Konċessjonijiet limitati għal ċerti prodotti tat-tessuti

1. Għar-rigward ta' prodotti tat-tessuti li joriġinaw fil-pajjiżi jew fit-territorji msemija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament u ndikat fl-Anness III B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni ta' l-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi mhux membri li m'għandhomx trattat bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra ⁽¹⁾, l-eżenzjoni mid-drittijiet doganali u ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti għandhom ikunu limitati għall-kwantitajiet annwali tal-Komunità kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 517/94.

2. Għar-ri-importazzjonijiet li jsiru wara operazzjoni ta' proċessar 'il barra skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3036/94 tat-8 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi arranġamenti ta' proċessar 'il barra ekonomiċi applikabbli għal ċerti prodotti tat-tessuti u drapp ri-importati ġewwa l-Komunità wara li jkun maħduma jew proċessati f'ċerti pajjiżi terzi ⁽²⁾, l-eżenzjoni

⁽¹⁾ ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 1. Regolament kif laħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2452/1999 (ĠU L 307, tat-2.12.1999, p. 14).

⁽²⁾ ĠU L 322, tal-15.12.1994, p. 1.

minn drittijiet doganali għandha tkun limitata għall-kwantitajiet annwali tal-Komunità stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 517/94 meta prodotti joriġinaw f'pajjiżi jew territorji msemija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Prodotti agrikoli — kwoti tariffarji

1. Għal ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Albanija, l-Bosnja u l-Herżegovina u l-Kroazja u nbid li joriġina fil-pajjiżi u territorji msemija fl-Artikolu 1(1) u (2), it-tnejn elenkati fl-Anness I, id-drittijiet doganali applikabbli għall-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità għandhom ikunu sospiżi matul il-perjodi, fil-livelli u fil-limiti tal-kwoti tariffarji tal-Komunità indikati għal kull prodott f'dak l-Anness.

2. Id-drittijiet doganali applikabbli għall-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' prodotti tal- "laħam taċ-ċanga għat-trabi" imfissra fl-Anness II u li joriġinaw fil-pajjiżi u t-territorji msemija fl-Artikolu 1(1), għandhom ikunu 20 % tad-dritt ad valorem u 20 % tad-dritt speċifiku kif stabbilit fit-Tariffi Doganali Komuni, fil-limitu tal-kwota tariffarja annwali ta' 10 900 tunellati espressi f'piż ta' karkassa.

Il-volum tal-kwota tariffarja annwali ta' 10 900 tunellati għandu jkun distribwit bejn ir-Repubbliki benefiċċjarji, kif ġej:

- 1 500 tunellati (piż ta' karkassa) għal prodotti tal-"laħam taċ-ċanga għat-trabi" li joriġinaw fil-Bosnja u l-Herżegovina;
- 9 400 tunellati (piż ta' karkassa) għal prodotti tal-"laħam taċ-ċanga għat-trabi" li joriġinaw fil-Kroazja.

Importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' prodotti tal-"laħam taċ-ċanga għat-trabi" imfissra fl-Anness II u li joriġinaw fl-Albanija u fil-Kosovo ma jibbenefikawx minn konċessjonijiet ta' tariffi.

Kull talba għal importazzjoni li tkun fil-limiti ta' dawn il-kwoti għandha tkun akkumpanjata b'ċertifikat ta' awtentiċità maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż esportatur u li jattesta li l-oġġetti oriġinaw fil-pajjiż jew territorju in kwistjoni u li dawn jikkorrispondu mat-tifsira li tinsab fl-Anness II. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u vitella ⁽³⁾.

Artikolu 5

Kwoti tariffarji għal prodotti ta' l-aluminju li joriġinaw fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' prodotti ta' l-aluminju li joriġinaw fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u elenkati fl-Anness III, għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni minn dazji doganali skond kwoti tariffarji tal-Komunità kif speċifikat fl-Anness.

Artikolu 6

Implimentazzjoni ta' kwoti tariffarji għal- "laħam taċ-ċanga għat-trabi"

Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kwoti tariffarji għal prodotti tal-"laħam taċ-ċanga għat-trabi" għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura li tinsab fl-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.

⁽³⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.

Artikolu 7

Amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji

Il-kwoti tariffarji msemija fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5 għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Komunikazzjoni għal dak il-għan bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha ssir, sa fejn hu possibbli, permezz ta' għaqda telematika.

Artikolu 8

Aċċess għal kwoti tariffarji

Kull Stat Membru għandu jassigura li importaturi jkollhom aċċess ugwali u mhux interrott għal kwoti tariffarji għat-tul ta' perjodu sakemm il-bilanċ tal-volum tal-kwota rilevanti jippermetti.

Artikolu 9

Għoti ta' poteri

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 10(2), tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, minbarra dawk provduti fl-Artikolu 6, bħal ma huma:

- (a) emendi u aġġustamenti meħtieġa wara li saru l-emendi għall-kodiċi ta' Nomenklatura Magħduda u s-suddivizzjonijiet tat-TARIC;
- (b) aġġustament meħtieġa wara li ġew konklużi l-ftehim l-oħra bejn il-Komunità u l-pajjiżi u territorji msemija fl-Artikolu 1.

Artikolu 10

Kumitat ta' Ġestjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit permezz ta' l-Artikolu 247 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽¹⁾, hawn aktar 'il quddiem magħruf bħala l-"Kumitat".

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandha tkun applikata.

Il-perjodu ndikat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu hu stess.

Artikolu 11

Koperazzjoni

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw bis-sħiħ sabiex jassiguraw li dan ir-Regolament, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1), jkunu mħarsa.

(1) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament(KE) Nru 955/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1).

Artikolu 12

Sospensjoni temporanja

1. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun hemm evidenza suffiċjenti ta' frodi jew nuqqas biex tiġi provduta koperazzjoni amministrattiva kif meħtieġ għal verifika ta' xiehda ta' oriġini, jew li jkun hemm żieda sostanzjali ta' esportazzjonijiet ġewwa l-Komunità ' il fuq mil-livell ta' produzzjoni normali u kapaċità ta' esportazzjoni jew nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(1) minn pajjiżi u territorji li huma skond dan ir-Regolament, din tkun tista' tiegħu miżuri biex tissospendi għal kollox jew in parti l-arranġamenti stabbiliti f'dan ir-Regolament għal perjodu ta' tliet xhur, sakemm hi l-ewwwl:

- (a) tkun infurmat lill-Kumitat;
- (b) tgħid lill-Istati Membri biex jieħdu dawk il-miżuri ta' prekawzzjoni li jkunu meħtieġa sabiex jiġu salvagwardati l-interessi finanzjarji tal-Komunità u/jew sabiex tassigura konformità mill-pajjiżi u territorji benefiċjarji ma' l-Artikolu 2(1);
- (c) ikun pubblikat avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fejn iġid li jkun hemm raġunijiet għal dubbji raġjonevoli għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti preferenzjali u/jew konformità ma' l-Artikolu 2(1) mill-pajjiż jew territorju benefiċjarju nteressat li jista' jqajjem il-kwistjoni tal-jedd tiegħu sabiex ikompli jgawdi l-benefiċċji mogħtija permezz ta' dan ir-Regolament.

2. Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 ijiem. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien 30 jum.

3. Mal-għeluq tal-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew li ttemm il-miżura ta' sospensjoni proviżorja wara konsultazzjoni mal-Kumitat jew li testendi l-miżura ta' sospensjoni skond il-proċedura li tinsab fil-paragrafu 1.

Artikolu 13

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 2820/98

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 2820/98, dawn li ġejjin għandhom jiġu mħassra: "AL Albanija ⁽¹⁰⁾", "BA Bosnija u Herzegovina ⁽¹⁰⁾" and "HR Kroazja ⁽¹⁰⁾".

Artikolu 14

Revoki

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000 huma b'dan imħassra.

Artikolu 15

Applikazzjoni pro rata tal-bidu

1. Bħala deroga mill-Artikolu 7, il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-ewwel sena kalendarja li fiha jiġi applikat dan ir-Regolament.

2. Il-volumi tal-kwoti tariffarji għandhom jiġu kalkulati bħala *pro rata* tal-volumi baċiċi indikati fl-Annessi I u III, meta jittieħed in konsiderazzjoni l-parti mill-perjodu li jkun għadda qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Il-kwantitatiet li jkunu mportati fil-qafas tal-kwoti tariffarji bin-numri ta' l-ordni 09.1515 u 09.1561 applikabbli fir-Regolamenti (KE) Nru 6/2000 u (KE) Nru 1763/1999 rispettivamente, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni għat-talba tal-ħlas fuq il-kwoti tariffarji rispettivi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

4. Il-kwantitatiet li jkunu mportati fil-qafas tal-kwoti tariffarji għal-“laħam taċ-ċanga għat-trabi” applikabbli skond l-Artikolu 5(3) u l-Anness F tar-Regolament (KE) Nru 6/2000 għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni għat-talba ta' ħlas fuq il-kwoti tariffarji rispettivi msemmija fl-Artikolu 4(2) u l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Miżuri transitorji

1. Il-benefiċċju tal-preferenzi ġeneralizzati ta' tariffi stabbiliti permezz tar-Regolament (KE) Nru 2820/98 għandu jkompli jiġi mogħti għar-rigward ta' oġġetti li joriġinaw fl-Albanija, l-Bosnja u l-Herzegovina u l-Kroazja li jkunu mpoġġija f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità qabel l-1 ta' Jannar 2001, sakemm:

- (a) l-oġġetti in kwistjoni huma koperti permezz ta' kuntratt ta' xiri magħmul qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; u
- (b) jista' jintwera għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li dawk l-oġġetti ħallew il-pajjiż ta' oriġini mhux aktar tard mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha..

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Settembru 2000.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu iqisu l-paragrafu 1(b) bħala wieħed li ġie osservat jekk wieħed minn dawn id-dokumenti jkun mogħti lilhom:

- (a) fil-każ ta' trasport bil-baħar jew waterway, il-bill of loading li juri li t-tagħbija tkun saret qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
- (b) fil-każ ta' trasport bit-tren, in-nota ta' kunsinna li tkun aċċettata mill-awtoritajiet ta' l-istazzjon tal-pajjiż li jkun qed jibgħat l-oġġett qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
- (c) fil-każ ta' trasport fuq l-art, i l-karnè TIR tat-trasport interneazzjonali maħruġa qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mill-uffiċċju tad-dwana fil-pajjiż ta' oriġini jew xi dokument ieħor xieraq awtentikat mill-awtoritajiet doganali rilevanti tal-pajjiż ta' oriġini qabel dik id-data;
- (d) fil-każ ta' trasport bl-ajru, n-nota ta' kunsinna bl-ajru li turi li l-linja ta' l-ajru rċeviet l-oġġetti qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Bidu fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-dħul tiegħu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

H. VÉDRINE

L-ANNEX I

dwar kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 4(1)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħduda, l-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala li m'għandux ħliet valur indikattiv, l-iskema preferenzjali għandha tkun stabbilita, fil-kuntest ta' dawn l-Annessi, billi tkun koperta bil-kodiċitan-NM. Fejn ex kodiciċitan-NM huma ndikati, l-iskema preferenzjali għandha tkun stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċitan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi magħduda flimkien.

In-Nru skond l-ordni	Il-Kodiċi tan-NM	Id-Deskrizzjoni	Il-Volum tal-kwota ta' kull sena (1)	Il-Benefiċjarji	Ir-Rata tad-dazju
09.1571	ex 0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 90 0303 21 10 0303 21 90 0304 10 11 ex 0304 10 19 ex 0304 10 91 0304 20 11 ex 0304 20 19 ex 0304 90 10 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 0305 49 45 ex 0305 59 90 ex 0305 69 90	It-Troti (<i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> u <i>Oncorhynchus chryso-gaster</i>): ħajjin; friski jew imkessħa; iffriżati; imnixxa, immellħa jew fis-salmura, iffumigati; fillets u laħam ieħor tal-ħut; id-fqiq, id-dqiq oħxon u l-gerbub, tajjeb għall-konsum mill-bniedem	100 tunnellata metrika	L-Albanija, il-Bosnia u l-Herzegovina, il-Kroazja	Eżenzjoni
09.1573	0301 93 00 0302 69 11 0303 79 11 ex 0304 10 19 ex 0304 10 91 ex 0304 20 19 ex 0304 90 10 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 90 ex 0305 69 90	Il-Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumigat; fillets u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, dqiq oħxon u gerbub, tajjeb għall-konsum mill-bniedem	300 tunnellata metrika	L-Albanija, il-Bosnia u l-Herzegovina, il-Kroazja	Eżenzjoni
09.1575	ex 0301 99 90 0302 69 61 0303 79 71 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 ex 0304 20 95 ex 0304 90 97 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 90 ex 0305 69 90	L-Abramidi (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus spp.</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumigat; fillets u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, dqiq oħxon u gerbub, tajjeb għall-konsum mill-bniedem	100 tunnellata metrika	L-Albanija, il-Bosnia u l-Herzegovina, il-Kroazja	Eżenzjoni
09.1577	ex 0301 99 90 0302 69 94 ex 0303 77 00 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 ex 0304 20 95 ex 0304 90 97 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 90 ex 0305 69 90	L-Ispnott (<i>Dicentrarchus labrax</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumigat; fillets u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, dqiq oħxon u gerbub, tajjeb għall-konsum mill-bniedem	600 tunnellata metrika	L-Albanija, il-Bosnia u l-Herzegovina, il-Kroazja	Eżenzjoni

(1) Volum globali wieħed għal kull kwota tat-tariffa maqsum fost il-benefiċjarji.

In-Nru skond l-ordni	Il-Kodiċi tan-NM	Id-Deskrizzjoni	Il-Volum tal-kwota ta' kull sena ⁽¹⁾	Il-Benefiċjarji	Ir-Rata tad-dazju
09.1579	1604 13 11 1604 13 19 ex 1604 20 50	Is-Sardin imħejji jew ippriservat	250 tunnellata meteika	L-Albanija, il-Bosnia u l-Herzegovina, il-Kroazja	6 %
09.1561	1604 16 00 1604 20 40	L-Inċova mħejjija jew ippriservata	1 000 tunnellata metrika	L-Albanija, il-Bosnia u l-Herzegovina, il-Kroazja	12,5 %
09.1515	2204 21 79 ex 2204 21 80 2204 21 83 ex 2204 21 84 2204 29 65 ex 2204 29 75 2204 29 83 ex 2204 29 84	L-inbid mill-għeneb frisk, ta' qawwa alkolika reali skond il-volum li ma taqbiżx il-15 % vol, għajr għall-inbid li jfexx	545 000 ettolitr	L-Albanija, il-Bosnia u l-Herzegovina, il-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo, Is-Slovenja	Eżenzjoni

⁽¹⁾ Volum globali wieħed għal kull kwota tat-tariffa maqsum fost il-benefiċjarji.

L-ANNESS II

Tifsira ta' prodotti tal-“laħam taċ-ċanga għat-trabi” msemmija fl-Artikolu 4(2)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda l-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jittqies bħala li m'għandux ħliet valur indikattiv, l-iskema preferenzjali għandha tkun stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, billi tkun koperta bil-kodiċitan-NM. Fejn ex kodiċitan-NM huma ndikati, l-iskema preferenzjali għandha tkun stabbilita bl-applikazzjoni kodiċitan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi magħduda flimkien.

Il-Kodiċi tan-NM	Is-suddiviżjon tat-Tariffa Komunitarja Integrata (TARIC)	Id-Deskrizzjoni
ex 0102 90 51	10	Il-bhejjen tal-fart ħajjin: — Oħrajn: — — L-ispeċji domestiċi: — — — ta' piż li jaqbeż it- 300 kg: — — — — Il-għo[ie]la (frat nisa li jkunu għadhom qatt ma welldu): — — — — — Għall-qatla: — — — — — — Li jkun għad ma jkollhomx snien permanenti, ta' 320 kg jew iktar fil-piż imma mhux li jaqbżu l-470 kg ⁽¹⁾
ex 0102 90 59	11 21 31 91	— — — — — Oħrajn: — — — — — — Li jkun għad ma jkollhomx snien permanenti, ta' 320 kg jew iktar fil-piż imma li ma jaqbżux l- 470 kg ⁽¹⁾
ex 0102 90 71	10	— — — — — Oħrajn: — — — — — Għall-qatla: — — — — — — Barrin u gniedes li jkun għad ma jkollhomx snien permanenti, ta' 350 kg jew iktar fil-piż imma li ma jaqbżux il-500 kg ⁽¹⁾
ex 0102 90 79	21 91	— — — — — Oħrajn: — — — — — — Barrin u gniedes li jkun għad ma jkollhomx snien permanenti, ta' 350 kg jew iktar fil-piż imma li ma jaqbżux il-500 kg ⁽¹⁾
ex 0201 10 00	91	Il-laħam tal-bhejjem tal-fart, frisk jew imkessaħ: — Il-karkassi u n-nofs karkassi — Il-karkassi ta' 180 kg jew iktar fil-piż imma li ma jaqbżux it-300 kg, u n-nofs karkassi ta' 90 kg jew iktar fil-piż, b'livell baxx ta' l-ossidifikazzjoni tal-qarquċa (b'mod partikolari dawk tas- <i>symphysis pubis</i> u ta' l-apofisi vertebrali), li l-laħam tagħhom ikun ta' kulur roża ċar u x-xaħam tagħhom, fin ħafna ħafna fit-tessut, ikun ta' kulur abjad jagħti fl-isfar ċar ⁽¹⁾
ex 0201 20 20	91	— Qatgħat oħra bil-għadma: — — Robbijiet “ikkompensati”: — — — Robbijiet “ikkompensati” ta' 90 kg jew iktar fil-piż imma li ma jaqbżux il-150 kg, b'livell baxx ta' l-ossidifikazzjoni tal-qarquċa (b'mod partikolari dawk tas- <i>symphysis pubis</i> u ta' l-apofisi vertebrali) li l-laħam tagħhom huwa ta' kulur roża ċar u li x-xaħam tagħhom, fin ħafna ħafna fit-tessut, huwa abjad li jagħti fl-isfar ċar fil-kulur ⁽¹⁾
ex 0201 20 30	91	— — Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin: — — — Kwarti ta' quddiem mifrudin, li jiżnu 45 kg jew iktar imma li ma jaqbżux il-75 kg, b' livell baxx ta' l-ossidifikazzjoni tal-qarquċa (b'mod partikolari dawk tas- <i>symphysis pubis</i> u ta' l-apofisi vertebrali) li l-laħam tagħhom huwa ta' kulur roża ċar u li x-xaħam tagħhom, fin ħafna ħafna fit-tessut, huwa abjad li jagħti fl-isfar ċar fil-kulur ⁽¹⁾
ex 0201 20 50	91	— — Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin: — — — Kwarti ta' wara mifrudin, li jiżnu 45 kg jew iktar imma li ma jaqbżux il-75 kg (imma 38 kg jew iktar li ma jaqbżux it-68 kg fil-każ tal-qatgħat “Pistola”), b' livell baxx ta' l-ossidifikazzjoni tal-qarquċa (b'mod partikolari dawk tas- <i>symphysis pubis</i> u ta' l-apofisi vertebrali) li l-laħam tagħhom huwa ta' kulur roża ċar u li x-xaħam tagħhom, fin ħafna ħafna fit-tessut, huwa abjad li jagħti fl-isfar ċar fil-kulur ⁽¹⁾

⁽¹⁾ Id-dħul taħt din is-subintestatura huwa bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti Komunitarji.

L-ANNEX III

dwar il-kwoti tariffarji annwali msemmija fl-Artikolu 5 u applikabli għal ċerti prodotti industrijali li joriġinaw fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, l-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala li m'għandux ħlief valur indikattiv, l-iskema preferenzjali għandha tkun stabbilita, fil-kuntest ta' dawn l-Annessi, billi tkun koperta bil-kodiċitan-NM. Fejn ex kodiċitan-NM huma ndikati, l-iskema preferenzjali għandha tkun stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċitan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi magħduda flimkien.

In-Numru skond l-ordni	Il-Kodiċi tan-NM	Id-Deskrizzjoni	Il-Volum tal-kwota (ftunnellati metriċi)
09.1591	2818	Il-korundu artifiċjal, sewwa jekk iddefinit kimikamewnt u sewwa jekk le; l-ossidju ta' l-aluminju; l-idrossidu ta' l-aluminju	10 000
09.1593	7601	L-aluminju mhux maħdum	40 000